MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR
## RAPHAEL FENECH ADAMI

Seduta tas-6 ta' Lulju, 2006

Avviz Numru. 1002/2003

**Walter Zammit**
**Vs**
**Mario Mifsud**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-21 ta Mejju 2003, fejn intalab li l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallsu lill-attur s-somma ta' elf erba mija u erbghin lira (Lm1440) rapprezentanti kwantu ghal Lm900 bhala refuzjoni ta prezz ta vettura mibjugha lill-attur mill-konvenut liema vettura rrizultat misruqa u kwantu ghal Lm540 bhala danni sofferti mill-attur kawza ta l-agir tal-konvenut.
Bl-ispejjes u bl-imghax skond il-ligi sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut prezentata fis-6 ta Gunju 2003 fejn ikkontesta t-talba attrici stante kawza illecita oltre li hija fil-meritu infondata.

Ra l-provi mressqa quddiem dan it-Tribunal u ezamina d-dokumenti esebiti.

Ha konjizzjoni tan-Nota ta sottomissjonijiet prezentata mill-konsulent legal tal-konvenut.

Ikkunsidra;

L-attur jispjega li kien xtara vettura tal-ghamla Ford Escort minnghand il-konvenut liema vettura l-konvenut kien informah li kienet giet akkwistata minnu permezz ta irkant minnghand il-kontrollur tad-Dwana. Ftehmu fuq il-prezz ta Lm900 u qabel ma harigha fit-trieq l-attur kien nefqilha xi spejjes ohra bhala roti, tellaghlha xi daqqiet u spejnjha, liema spejjes jinsabu koperti permezz tad-dokumenti esebiti bhala Dok WZ1 u WZ2. Wara xi zmien li kienet ilha fit-trieq, din il-vettura kienet giet elevata mill-pulizija in segwitu ta rapport li kienet vettura misruqa. In kontro-ezami l-attur ikkonferma li huwa kien instab hati ta serq u ricettazzjoni mill-Qorti kriminali in konnessjoni ma din l-istess vettura, liema sentenza tinsab esebita bhala Dok A permezz ta nota prezentata mill-konvenut in sostenn ta l-ewwel eccezzjoni tieghu.

Illi ghalkemm il-proceduri kriminali u dawk Civili ghandhom jimxu indipendenti u awtonomi minn xulxin, it-Tribunal jinnota li filwaqt li l-konvenut kien instab hati ta ricettazzjoni tal-imsemmija vettura, l-attur kien instab hati biss ta uzu minn dokument falz cioe tan-numru ta registrazzjoni tal-vettura. Il-vettura in kwistjoni kienet giet naturalment konfiskata b’ordni tal-istess sentenza datata 25 ta April 2002.

Il-konvenut in subizzjoni jispjega li huwa kien xtara l-vettura in kwistjoni minn certu Ronnie Barbara, car dealer u f’dak iz-zmien kellha number plates ta barra. Sussegwentement huwa biegh il-vettura lill-attur. Dwar pjanci kien ha hsieb kollox l-attur – l-bejgh tal-vettura kien fl-istat li kien raha l-attur minnghajr ebda kondizjonijiet ulterjuri. Il-konvenut kemm dawwar it-transfer tal-vettura fuq l-attur u daqshekk.

Fis-seduta tad-9 ta Frar 2004 il-konvenut issolleva eccezzjoni ulterjuri tal-preskrizzjoni tat-18 il-xahar ai termini tal-artikolu 2148b Kap 16 tal-Ligijiet ta Malta.

Fis-seduta tas-17 ta Marzu 2004 il-konvenut talab li jressaq eccezzjoni ohra ulterjuri u dana fis-sens illi ghar-rigward l-ewwel parti tat-talba, l-azzjoni hija insostenibbli stante li ma ntalabx ir-rexxissjoni tal-kuntratt ta bejgh u fi kwalunkwe kaz l-Inkompetenza ta dan it-Tribunal biex jiddeciedix fuq tali rexxissjoni.

Ra d-Decizjoni moghtija minn dan it-Tribunal kif diversament presjedut datata 17 ta Mejju 2004 in forza ta liema giet michuda t-talba tal-konvenut biex iressaq l-eccezzjoni ulterjuri dwar l-insostenibbilita ta l-azzjoni odjerna u l-Inkompetenza rationae materiae ta dan it-Tribunal.
Illi fin-nota ta osservazzjonijiet tieghu l-konvenut isostni l-eccezzjoni tieghu tal-kawza illecita ai termini tal-artikolu 987 et seq tal-kapitolu 16 u fid-dawl ta diversi sentenzi minnu kwotati. Izid ighid inoltre li t-talba hija wkoll preskritta ai termini tal-artikolu 1222 (1) u (2) Kap 16 tal-ligijiet ta Malta cioe riferibbli ghal terminu ta sentejn f'kaz ta rexxissjoni ta xi obbligazzjoni minnhabba xi ghemil doluz, zball ect liema terminu certament jissotometti li skada bejn il-bejgh tal-vettura 30/11/98 u l-prezentata tal-odjerna kawza 21/5/03.

Ra li l-attur baqa ma pprezenta ebda sottomissjonijiet finali b'risposta ghal dik prezentata mill-konvenut.

Illi dwar il-kwistjoni tal-kawza illecita ghandu jinghad li l-Ispettur Investigattiv L-Ispettur Maurice Curmi xehed f'dawn il-proceduri fejn sostna bil-gurament tieghu li l-attur kien semma fil-presenza tieghu li kien jaf li l-vettura kienet wahda misruqa skond ma kif kien informah l-istess konvenut u kien ghalhekk li resqu l-Qorti kriminali lill-imsemmi attur. Fis-sentenza esebita markata bhala Dok A hemm indikat ukoll li l-attur kien konxju tal-fatt li l-pjanca tac-chassis fejn hemm in-numru kien imbaghbas (daqqiet ta martell).

Illi in vista ta dawn il-konsiderazzjonijiet maghmula ghalhekk it-Tribunal ma jhossx li ghandu jidhol ulterjorment fuq il-kwistjoni tal-preskrizzjoni. Bizzejjed biss li jigi osservat li l-pulizija bdew jinvestigaw din il-vettura sa mis-sena 1998 filwaqt li l-proceduri odjerni gew intavolati f'Mejju tas-sena 2003 u l-attur jidher li ma ha ebda prekawzjoni legali biex jinterrompi l-perjodu preskrittiv.

It-Tribunal ghalhekk qieghed jaqta u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa l-eccezzjoni tal-konvenut dwar il-kawza illecita tan-negozju kontemplat fit-talba u dana ai termini tal-artikolu 987 et seq tal-Ligijiet ta Malta u konsegwentement jichad it-talbiet attrici bl-ispejjes kollha ta din il-kawza ghandhom pero jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------